**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 100/2019**

**Herman Farrugia (ID 369649M) u Rose Farrugia (ID 786348M)**

**vs**

**Burak Capar (476215L)**

**Illum, 22 t'Ottubru, 2019**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

> "Illi l-esponenti kienu jikru lill-intimat il-fond ossija l-appartament numru tnejn (2), fil-blokk bl-isem 'Island View', Triq it-Turisti, Qawra, bil-kera ta' sitt mitt Euro (€600) fix-xahar u bit-termini u l-kundizzjonijiet kollha skond l-iskrittura ta' lokazzjoni ta' bejn il-kontendenti tal-24 ta' Ottubru 2017.
>
> Illi l-kirja ntemmet fl-ahhar ta' Jannar 2019 u l-intimat hareg mill-fond fl-istess zmien.

Illi fil-kors ta’ din il-kirja, l-intimat ghamel diversi hsarat fil-fond, inkluz hsarat fl-ghamara, fil-*fixtures* u l-*fittings* u fl-*appliances* tal-appartament, oltre li naqas milli jhallas kontijiet pendenti tad-dawl u tal-ilma.

Illi l-esponenti talbu lill-intimat ihallashom is-somma ta’ €1,091.14 spejjez inkorsi minnhom ghat-tiswija tal-imsemmija hsarat u tal-arretrati tad-dawl u tal-ilma, izda ghalkemm huwa accetta li jhallashom, sallum baqa’ ma hallas xejn.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza tallum.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan 1-Onorabbli Bord, joghgbu:

i. jiddikjara Ii l-intimat huwa responsabbli ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ €1,091.14 jew somma ohra verjuri, rapprezentanti in parti danni kawzati minnu fil-proprjeta’ tal-esponenti mikrija lilu u cioe’ l-appartament numru tnejn (2), fil-blokk bl-isem ‘Island View’, Triq it-Turisti, Qawra, inkluz l-ghamara, *fixtures, fittings* u *appliances* ta’ gewwa fih, u in parti arretrati tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma relattivi ghall-istess appartament.

ii. konsegwentement, jikkundanna lill-intimat ihallas l-imsemmija somma ta’£1,091.14 jew somma ohra verjuri.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.”

Ra illi l-intimat debitament notifikat kif jirrizulta mir-riferta a folio 7A tal-process ma prezenta l-ebda risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

**It-Talbiet tar-rikorrenti fl-qosor**

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qed jitlob (i) dikjarazzjoni li l-intimat huwa debitur tar-rikorrent fl-ammont ta' elf u wiehed u disghin Ewro u erbatax-il centezmu (€1,091.14) u (ii) kundanna ghall-hlas ta' l-istess. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimati.

Illi l-intimat minkejja li debitament notifikat, kif jirrizulta mir-riferta a folio 7A tal-process, baqa' kontumaci mhux biss ghax ma prezentax risposta kif trid il-ligi izda wkoll naqas milli jidher quddiem il-Bord biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

**Provi**

Illi fis-seduta tal-04 t'Ottubru 2019, ir-rikorrent, a folio 8 et sequitur tal-process, ikkonferma bil-gurament it-talbiet tieghu, u li l-intimat baqa' ma hallasx ghall-hsarat kagunati minnu u ghall-arretrati tas-servizzi tad-dawl u l-ilma, u illi minn meta giet prezentata l-kawza l-fatti baqghu l-istess kif dikjarati fir-rikors promotur.

Illi fis-seduta tat-22 t'Ottubru 2019, rega' xehed ir-rikorrent u esebixxa nota b'sett ritratti li juru l-imsemmija hsarat kif ukoll vera kopja ta' l-ircevuti ta' spejjez li kellu jaghmel biex isewwi tali hsarat kif ukoll tal-kont pendenti mal-ARMS.

Ikkunsidrat:

Illi l-intimat ma rribatta bl-ebda mod it-talbiet tar-rikorrenti.

Illi mill-provi prodotti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati u konsegwentament jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u (i) Jiddikjara lill-intimat debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' elf u wiehed u disghin Ewro u erbatax-il centezmu (€1,091.14) u (ii) Jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf u wiehed u disghin Ewro u erbatax-il centezmu (€1,091.14), bl-ispejjez tal-prezenti procedura a karigu tal-intimat u bl-imghax legali kontra l-intimat li ghandu jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur